# KLIEM IMXERRED

*Jorbot man-Numru 18*

*Toqloq:* (a) tipprotesta. Ma toqgħodx għal dak li jkun
(b) Majkollokx kwiet f'ġismek
(a) "Nistenna xahar ieħor, jekk ma jħallasnix inbagħad noqloq"
(b) X'inti toqloq l-hawn u l-hinn !

*Titlewwaq:* titlewwem. *'Lewwieq,* a' : li jħobb jitlewwem. Ma tistax tkun iżjed lewwieqa l-mara ta' Pawlu.

*Titmantar:* tintelaq, tibqa bla saħħa, ingħidu aħna wara xi marda jew xogħol kbir'. Il-lum inħossni tassew mmantar; ma għandi qalb nagħmel xejn.

*Dagħdigħa:* il-bibien ta' dari biex jinfetħu jew jingħalqu kellhom il-għarqub idur fuq ġebla ħofrija. Din il-ġebla kienu jgħidulha *dagħdigħa.*

*Srew:* dak iċ-ċaflis li jiġi wara xi rxiexa, jew ħalba xita
'L-anqas stajt nimxi bis-srew li kien hemm fit-triq. Din il-kelma jgħiduha wkoll għal xi likwidu li ma jaqgħadx sewwa.
Il-ħalib baqa bħas-srew.

*Għaxxixlu:* wieħed bla ebda ħila (kelma ta' tmaqdir).

*Tbexkel:* tqarraq b'xi ħadd; tisraq minn taħt. Dak neguzjant, jinqala biex ibexkel.

*Dejxa:* din il-kelma jgħiduha l-Għarb lil xi ħadd lablabi :
"donnok dejxa, ilsienek dejjem tridu sejjer".

*Iċċerkes:* Tgħaddi ħajja fil-qagħad, ma tagħmel xejn.
"Kif tridha tgħix, żewġha ma jagħmilx ħaġ'oħra ħlief iċerkes l-hawn u l-hemm.

*Maqgħad:* Post fejn ibidu t-tiġieġ.
"Mur fil-maqgħad ara ssibx xi bajda, għalliha".

*Tkaxxax:* tiġbed riġel wara l-ieħor b'ħafna tbatija bħal wieħed mifluġ : Timxi qisek b'koxtejk iebsa.
Oħtok mardet miskina; il-bieraħ rajta tkaxxax fis-setaħ, bla saħħa ta' xejn.

*Żebbieħ:* a, impostur.
Dik mara żebbieħa tilagħbek b'ħafna żgħil u int l-anqas tittendi.

*Titbaxraq:* tgħaddi ħajtek fil-għażż (kelma ta' tmaqdir).
Toni jrid igħaddi l-aħħar erbat ijiem ta' ħajtu jitbaxraq fit-triq ma' ħafna għażżenin.

*Taħtuħ:* a, battal
Din il-lewża taħtuħa; jien ma rridhiex.

*Moħħ taħtuħ:* Moħħ battal.

*Msagħtar, ra:* niexef magħlub.
"Peppu ħa mara msagħtra, qisha għuda".

*(Jissokta)* Ġużè Aquilina